31994D0578

27.8.1994 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 223/23

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tat-18 Lulju 1994
## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Indja dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp

(94/578/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130y flimkien ma'l-ewwel sentenza ta'l-Artikolu 228(2), l-ewwel subparagrafu u l-paragrafu 3 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Billi:

Taħt l-Artikolu 130 tat-Trattat, il-politika Komunitarja fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha trawwem l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-integrazzjoni bla ntoppi u bil-mod fl-ekonomija dinjija u l-kampanja kontra l-faqar f'dawk il-pajjiżi;

Billi l-Komunità għandha tapprova, biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, il-Ftehim imsemmi f'din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta'l-Indja fuq is-Sħubija u l-Iżvilupp qiegħed b'hekk jiġi approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim qed jiġi anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu f'isem il-Komunità Ewropea jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 29 tal-Ftehim (3).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, mgħejjuna mir-rappreżentanti ta'l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kummissjoni Konġunta prevista fl-Artikolu 22 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċizjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1994.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KINKEL

(1) ĠU C 103, ta' l-14.4.1993, p. 8.
(2) ĠU C 128, tad-9.5.1994.

(3) Ara paġna 35 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.